MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 237/2008

**GO p.l.c.**

**vs**

**George Farrugia & Sons Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tas-socjeta’ attrici fejn talbet li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta’ sitt mija u tnejn u sittin Euro u dsatax-il centezmu (€662.19), ammont dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ servizz tat-telekomunikazzjoni li jgib n-numru S/C 006506 (AC 40064439) skond diversi kontijiet mibghuta lilha u skond id-dokumenti annessi mal-avviz, u cioe’ IZY1 prospett ghas-serviz bl-akkont numru 40064439 u IZY2 ftehim dwar is-servizz ta’ telekomunikazzjoni S/C 006506.

Gie premess ukoll illi s-socjeta’ konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas izda baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjes u l-imghax legali.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li ecceppiet illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi meta s-socjeta' konvenuta applikat ghas-servizz, mertu ta' dina l-kawza, it-tariffa stipulata kienet Euro u sitta u hamsin centezmu (€1.56), ekwivalenti ghal sebgha u sittin centezmi Maltin (Lm0.67c) fix-xahar.

Illi sussegwentement, u minghajr ma giet b'xi mod infurmata s-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici gholliet it-tariffa ghall-hamsa u hamsin Euro u hdax-il centezmu (€55.11), ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin liri Maltin u sitta u sittin centezmi (Lm23.66), fix-xahar.

Illi ghalhekk is-socjeta' attrici ma tistax tippretendi li tithallas l-ammont indikat fl-Avviz, meta s-socjeta' konvenuta qatt ma giet infurmata li t-tariffa kienet ser tghola bil-mod imsemmi.

Ra x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit Young li esebiet l-avvizi li dehru fil-gazzetta lokali rispettivament, f'*The Times* u *The Malta Independent*.

Ra x-xhieda ta' Alison Beach fil-kapacita' taghha ta' *Brand Manager* mas-socjeta' attrici fiz-zmien in kwistjoni. Tghid li kienu gew infurmati mil-*Malta Communications Authority* illi kienu ser jinbiddlu t-tariffi tal-*leased lines*.

Il-*Malta Communications Authority* kienet ghamlet ir-regoli u ghalhekk, dejjem skond l-istess regoli, kellhom jinfurmaw lill-klijenti kollha li kienu jaghmlu uzu minn dawn il-*leased lines*. Skond il-Avviz Legali li hareg kellhom jinfurmaw lill-klijenti b'tlett modi:-

i) bil-pubblikazzjoni fuq il-*website* tas-socjeta' attrici;
ii) bil-pubblikazzjoni fiz-zewg gazzetti lokali;
iii) tramite ittra li kellha tintbghat lill-klijenti kollha.

Dan kollu kellu jsir sal-1 ta' Dicembru, 2004, u kien ghalhekk li fl-1 ta' Ottubru kienu ppubblikaw dawn it-tariffi l-godda fuq il-*website* tas-socjeta' attrici. Fit-2 ta' Dicembru, kien hemm pubblikazzjoni f'*The Times of Malta*, kif ukoll fl-*Independent* u bejn l-1 u t-2 ta' Novembru, kienu baghtu ittra ndirizzata lill-klijenti kollha fejn kien hemm taghrif dwar dawn it-tariffi l-godda li kellhom jigu fis-sehh mal-1 ta' Dicembru, 2004.

Tghid, li kienu bdew jadottaw dawn it-tariffi l-godda, pero' kien ghall-habta ta' Frar, 2005 meta bdew jircievu telefonati minghand il-klijenti, li fil-kont il-gdid ma kienux gew applikati t-tariffi l-godda.

Kien ghalhekk li vverifikaw x'seta' gara fis-sistema tal-*computer*, u rrizulta li kien hemm problema fis-*software*, fejn ghalhekk il-kontijiet kienu hargu minghajr l-applikazzjoni tat-tariffi l-godda. Dan kien affettwa ammont zghir tal-klijenti.

Is-socjeta' konvenuta kienet wahda mill-klijenti li kienet irceviet informazzjoni bil-mezzi kollha ta' komunikazzjoni li kellhom jutilizzaw. Minkejja li ma nzammux kopji individwali, kienu zammew *sample letter* li kienet intbaghtet, izda kien hemm kopja ukoll gol-*file* tas-socjeta' attrici.

Tispjega li dawn l-ittri ma kienux intbaghtu registrati u lanqas setghet tikkonferma jekk is-socjeta' konvenuta kienitx irceviet din l-ittra, izda ntbaghtet zgur. Tikkonferma wkoll li s-socjeta' konvenuta ma kienitx wahda minn dawk il-klijenti li kienu jcemplu biex jilmentaw illi l-kont taghhom ma kienx adotta t-tariffi l-godda.

Ra x-xhieda ta' Kevin Farrugia, in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta. Huwa proprjetarju ta' zewg (2) spizeriji, u peress li dawn kienu jinstabu hdejn xulxin, kien mar ghand is-socjeta' attrici u kien applika sabiex ikollu sistema maghrufa bhala "A" *voice* u b'din is-sistema seta' jaqbad minn spizerija ghal ohra.

Ghal dan is-servizz kien hallas mensilment is-somma ta’ sebgha u sittin centezmi Maltin (Lm0.67), ekwivalenti ghal Euro u sitta u hamsin centezmu  (€1.56), kull xahar u dejjem kien ihallas regolarment. Kien f’Dicembru, 2005 li kien ircieva kont li kien pjuttost sostanzjali u kien ivverifika mas-socjeta’ attrici li kienet infurmatu li kien jirrigwarda kontijiet *backdated,* b’lura ghal sena, u cioe’ kien jirrigwarda kontijiet li kienu jmorru lura sa Dicembru, 2004. Kienu nfurmawh ukoll li kienet saret revizjoni tar-rati ta’ din is-sistema u ghalhekk kienu issa gew jiswew sebgha u ghoxrin lira Maltin (Lm27.00) mensilment, u cioe’ ekwivalenti ghal tnejn u sittin Euro u tmienja u disghin centezmu (€62.89), minflok is-sebgha u sittin centezmu Maltin (Lm0.67), ekwivalenti ghal Euro u sitta u hamsin centezmi (€1.56), kif kienu qabel.

Sussegwentement kien kellem lis-Sur Tony Mizzi, impjegat mal-istess socjeta’ attrici, li kien qallu li kienet saret revizjoni ta’ dawn it-tariffi u kienu baghtu ittra f’dan is-sens. Ix-xhud jichad li qatt ircieva din l-ittra u li kien sema’ b’ilmenti ohra ta’ nies li ma kienux ircievew kopja ta’ dina l-ittra li fuq kollox ukoll, kienet tghid li ser jigu adottati tariffi godda, pero’ ma kienitx taghti informazzjoni ta’ x’kienu dawn it-tariffi.

Diversi nies, impjegati mas-socjeta’ attrici, u li kellhom x’jaqsmu ma’ dawn it-tariffi, kienu kkonfermaw li kienu rcevew diversi ilmenti minghand klijenti taghhom, li ma kienux gew infurmati b’dawn it-tariffi godda. Fl-ahhar, is-Sur Tony Mizzi, kien irrakkommandalu sabiex jikteb ittra indirizzata lil *Chairman of the Contestations Board*. Kien ukoll fuq suggeriment ta’ Mizzi li kien mar l-ufficju tas-socjeta’ attrici ta’ Psaila Str., sabiex iwaqqaf dan is-servizz. Dan kien fis-sena 2005.

Kien biss fit-13 ta’ Settembru, 2007 li kien ircieva ittra minghand Paul Debono, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, fejn gie mitlub ihallas l-ammont bhala bilanc fuq dan is-servizz.

Kien irrisponda lil Debono u kien infurmah b’dak li kien ghamel u li sahanistra lura ghas-sena 2005 kien waqqaf

is-sistema ta "A" *voice*. Jispjega ukoll li l-istess ittra mibghuta minn Debono kienet taghmel referenza ghall-*extension* mir-residenza tieghu f'H'Attard ghall-ispizerija tieghu il-Hamrun, u dan meta l-*extension* kienet bejn iz-zewg spizeriji.
Jikkonferma li qatt ma kien ra, jew ircieva l-ittra, mibghuta mis-socjeta' attrici li infurmat lill-klijenti taghha li kien hemm tibdil fit-tariffi u jikkonferma li lanqas ma kien hemm *records* fir-registru li jzomm l-iskrivan tieghu fuq korrispondenza li jkunu ircevew.

Ix-xhud jispjega li l-kontestazzjoni tieghu hija dwar l-imposizzjoni ta' tariffi godda u li peress li ma gewx maghrfa, ma nghatax il-possibilita' li jaghzel jekk izommx dawn it-tariffi jew le, ghaliex wara kollox kien hemm qabza sostanzjali.

Inoltre, kien biss gie avzat sena wara, b'kont *backdated*. Lanqas m'hu qed jikkontesta li kien ghamel uzu minn dan is-servizz.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

<u>Ikkunsidra</u>

Is-socjeta' attrici fethet kawza ghaliex qed tippretendi li s-socjeta' konvenuta thallas ghal xi kontijiet pendenti fuq linja "A" *voice*. Is-socjeta' konvenuta tinsisti li m'ghandhiex thallas dan il-kont peress li t-tariffi kienu gew riveduti u kien hemm differenza sostanzjali u fuq kollox qatt ma giet debitament avzata b'ittra u ghalhekk ma kellha l-ebda obbligu li thallas.

Is-socjeta' attrici tikkonferma li dawn it-tariffi gew imposti mill-*Malta Communications Authority* u huma kellhom jgharrfu lill-klienti taghhom li kienu jaghmlu uzu minn dan is-servizz ta' *leased lines*, inkluz "A" *voice,* li dawn it-tariffi bir-rata l-godda kellhom jigu fis-sehh mill-1 ta' Dicembru, 2004. Ghalhekk kellhom jigu avzati b'tlett modi diversi, primarjament bl-avviz fuq is-sit ufficjali fuq l-*internet* tas-socjeta' attrici, t-tieni bil-pubblikazzjoni f'zewg gazzetti

lokali u t-tielet mod billi kellhom jibghatu ittra direttament lill-klijent.

Is-socjeta’ konvenuta tibbaza l-argument taghha li qatt ma rceviet ittra minghand is-socjeta’ attrici li biha seta’ kienet konsapevoli ta’ dawn it-tariffi godda u b’hekk setghet taghzel jekk tibqax tutilizza dan is-servizz.

Is-socjeta’ attrici gabet provi li kienet saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetti lokali. Esebit ukoll *sample letter* li ntbaghtet lill-klijenti kollha. Ikkonfermat ukoll li kien hemm kopja tas-*sample letter* gol-*file* tas-socjeta’ konvenuta.

Alison Beach, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici tispjega, illi wara li bdew jigu adottati dawn it-tariffi, xi klijenti kienu cemplu sabiex jinfurmawhom li kienu rcevew kontijiet bit-tariffi antiki u wara li saret investigazzjoni rrizulta li kien hemm *fault* fis-sistema. Gara li disa’ mitt (900) linja kienu rcevew kontijiet bir-rati antiki u kien biss wara li irrangaw s-sistema li regghu baghtu l-kontijiet u li ghamlu kien li hadmu fuq kreditu lil dawn id-disa’ mitt (900) linja u sar *debiting* fuq kalkolazzjoni a bazi tat-tariffi l-godda.

Is-socjeta’ konvenuta tinsisti li kienet irceviet kont fl-ahhar ta’ Dicembru, 2005 biex ikopri l-perjodu sa Dicembru, 2004. Kien meta saret taf b’dan, li infurmat lil *Chairman of the Contestations Board* li kienet ser twaqqaf dan is-servizz. Oltre minn hekk, tghid li kien hemm skrivan li kien jiehu l-korrispondenza u jzomm *record* fir-registru, minn fejn ma kellu l-ebda prova li kienu rcevew din l-ittra.
Is-socjeta’ konvenuta kellha zewg spizeriji li kienu fil-vicinanzi ta’ xulxin, il-Hamrun, u ghalhekk kienet applikat u utilizzat dan is-servizz ta’ “A” *voice*. Mill-kontijiet li gew esebiti, jirrizulta li dawn kienu jintbaghtu fl-indirizz Villa Rosa, Triq in-Nutar Zarb, Attard, li l-istess xhud Kevin Farrugia jikkonferma li din kienet ir-residenza tieghu.

Ghalhekk, din il-verzjoni tieghu hija kontrastanti ma’ dak li qal meta semma’ li l-iskrivan tieghu kien jigbor il-korrispondenza u jiehu hsieb li jzomm *records* taghhom

fir-registru li kellhom. Madanakollu, fl-ebda stadju ma gab provi jew ipproduca dan ir-registru.

Huwa facli sabiex, meta s-socjeta’ konvenuta irceviet il-kont li kien pjuttost sostanzjali meta kkomparat ma’ ta’ qabel, li targumenta li qatt ma kienet irceviet dina l-ittra, aktar u aktar meta ntbaghtet fir-residenza ta’ Kevin Farrugia.

Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni tas-socjeta’ konvenuta mhix verosimili, meta fl-istess ittra li baghat Farrugia lil *Chairman of The Contestations Board* ighid li kien inghata informazzjoni li l-ittri li kienu ntbaghtu ma kellhomx indikazzjoni ta’ x’kienu t-tariffi, meta l-ittri li esebit is-socjeta’ attrici kienu jirriflettu realta’ differenti. Hemm indikazzjoni dettaljata ta’ kif kellhom jigu imposti t-tariffi l-godda u l-istess rati godda.

***“Dan hu kaz tipiku fejn il-fatt li s-socjeta’ konvenuta tippretendi li ma kienitx infurmata ftit jista’ jkollu importanza stante il-fatt li s-socjeta’ attrici kellha kull dritt tirrevedi it-tariffi u hadet il-mizuri opportuni biex dan taghmlu pubbliku. Dan apparti l-fatt li t-Tribunal mhux konvint illi s-socjeta’ konvenuta kienet injara ta’ dan il-kambjament u partikolarment meta wiehed jikkunsidra illi s-socjeta’ konvenuta baqghet taghmel uzu mis-servizz ta’ “commercial line.”*** [1]

F’dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk it-Tribunal jasal ghal-konkluzjoni li s-socjeta attrici ppruvat il-pretensjoni taghha u ghalhekk ser jghaddi biex jakkolji it-talba.

Ghal dawn il-motivi filwaqt, li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, jilqa’ it-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lil dik attrici is-somma ta’ sitt mija u tnejn u sittin Euro u dsatax-il centezmu (€662.19) bl-ispejjes u bl-imghax kif mitlub.

---

[1] MALTACOM P.L.C. VS CENTRAL INSURANCE BROKERS LTD (26 ta’ Settembru, 2007)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------